MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1041/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**GIUSEPPE D'AGOSTINO**
**VINCENZO FIORENTINO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **GIUSEPPE D'AGOSTINO**, ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Vito u Vincenza nee' Palestro, imwieled gewwa Sqallija nhar l-4 ta' Mejju 1981 u detentur tal-Karta tal-identita' Taljana b'numru AR3684413 u **VINCENZO FIORENTINO** ta' erba' u ghoxrin (24) sena, iben Alfredo u Domenica nee' Di Franco, imwieled gewwa Sqallija nhar is-16 ta' Frar 1989 u  u detentur tal-Karta tal-

identita' Taljana b'numru AT 3383631 gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Fit-18 ta' Ottubru 2013 ghall-habta tat-tmienja neqsin hamsa ta' filghaxija (19:55hrs) u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' zewg fotokopji awtentikati tal-karta ta' l-identita' tal-imputati, zewg stqarrijiet tal-imputati, kopja tal-karta tal-identita' falza li kienet fil-pussess ta' Vincenzo Fiorentino, kopja tal-karta tal-identita' falza li kienet fil-pussess ta' Giuseppe D'Agostino fejn hemm indikat Di Bella u okkorrenza.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li huma ta' nazzjonalita' Taljana u li ma jifhmux bil-lingwa Maltija u ghalhekk il-Qorti nnominat lill-Interpretu Imelda Fede sabiex tassisti lill-imputati fit-traduzzjoni mil-lingwa Maltija ghal-lingwa Taljana u vici versa.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilhom llum 20 ta' Ottubru 2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghhom mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-20 ta' Ottubru 2013.

Invista ta' tali ammissjoni kif registrata, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' din l-akkuza.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputati kkooperaw bi shih maghha tul din l-investigazzjoni u inoltre ma gew ikkagunati l-ebda danni materjali lis-socjeta'.

Il-Qorti kkunsidrat is-segwenti meta giet biex terroga l-piena taghha:

1. Il-kooperazzjoni totali tal-imputati mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni.
2. L-ammissjoni bikrija tal-imputati u dan fl-ewwel opportunita' li nghatat mal-prezentata.
3. Il-fatt li l-imputati ma kkagunaw l-ebda danni materjali lis-socjeta'.

Invista ta' dan, il-Qorti ghalhekk sejra tordna li l-piena karcerarja tigi sospiza.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputati GIUSEPPE D'AGOSTINO u VINCENZO FIORENTINO hatja tal-akkuza u tikkundannhom tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------